**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-JUNIOR LYCEUM 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STORJA (ĠENERALI)** **Ħin: Siegħa u nofs**

ISEM: ______________________ KLASSI: __________

**1. Poġġi l-ġrajjiet kif seħħu wara xulxin billi tuża n-numri 2 sa 6. Numru 1 ingħatat bħala eżempju**

| | |
|---|---|
| | Il-miġja tan-Normanni f'Malta |
| | Il-Vikingi saru nsara |
| | Il-familja Hauteville tinżel fl-Italja t'Isfel |
| 1 | Il-Vikingi jattakkaw lill-Franki |
| | Il-Vikingi joqogħdu fin-Normandija |
| | Ruġġieru II jgħaqqad 'il Malta mas-saltna ta' Sqallija |

(5 marki)

**2. Ikteb paragrafu fuq wieħed minn dawn is-suġġetti**

2.1. Il-Lhud u l-kummerċ fl-Ewropa

2.2. L-irvell kontra l-Anġuvini (Il-Vespri Sqallin)

2.3. L-invenzjoni ta' l-istampar fir-Rinaxximent

2.4. L-Isqof Giliberto u ċ-ċensiment li għamel f'Malta

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(5 marki)

**3. Ħares lejn is-sors sewwa u wieġeb il-mistoqsijiet**




*Dettall mit-Tapizzerija ta' Bayeux*

3.1. Xi kwalita` ta' sors huwa sors A? Primarju jew Sekondarju?

______________________________ (1)

3.2. Għaliex taħseb hekk?

______________________________ (2)

3.3. Sors A huwa tapizzerija ta' żmien in-Normanni. Ikteb żewġ affarijiet li tista' tara minnha.______________________________

______________________________ (2)

3.4. X'taħseb li huwa x-xogħol tan-nies li hemm fl-istampa?

______________________________ (1)

3.5. Xi jġagħlek taħseb hekk?

______________________________ (2)

3.6. Għalfejn sorsi bħal dawn huma importanti għall-istudju ta' l-istorja?

______________________________ (2)

3.7. Kieku kont tgħix fi żmien in-Normanni kont issib dawn li ġejjin f'Malta? Ikteb "iva" jew "le" fil-post provdut

falkuni ______

twemmin Nisrani ______

iljunfanti ______

muniti Rumani ______

twemmin Musulman ______ (1 x 5 = 5)

3.8. X'nifhmu meta ngħidu li n-Normanni kienu "tolleranti"?

______________________________ (2)

3.9. Kif kienet il-pożizzjoni tal-Musulmani li jgħixu f'Malta fi żmien in-Normanni?

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

(total 20 marka)

**4. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

"In-nies tad-Dejma kienu joqogħdu għassa bil-lejl u bin-nhar fuq ix-xtut u l-għoljiet. Kif jilmħu l-għadu riesaq lejn ix-xtut, iqabbdu ħuġġieġa u malli l-għassiesa tat-torrijiet l-oħra jaraw id-duħħan tiela' matul il-jum u n-nar matul il-lejl, isejħu n-nies għat-taqtigħa."

4.1. Għaliex il-Maltin ħassew il-ħtieġa li jorganizzaw lilhom infushom fid-dejma?
______________________________ (2)

4.2. Min kien obbligat li jservi fid-dejma?
______________________________ (2)

4.3. Xi ħsara setgħu jagħmlu l-għedewwa tal-Maltin?
______________________________ (2)

4.4. X'kien il-Kavabuzz?
______________________________ (2)

4.5. Semmi żewġ leġġendi popolari marbuta mal-ħbit tal-Misilmin fuq il-gżejjer.
______________________________
______________________________ (2)

4.6. Għalfejn ma tantx kien hemm irħula ħdejn ix-xtut?
______________________________
______________________________
______________________________ (3)

4.7. Semmi żewġt irħula minn dak iż-żmien li llum m'għadhomx jeżistu?
______________________________ (2)

(total 15-il marka)

**5. Ħares lejn din il-mappa u wieġeb il-mistoqsijiet**



5.1. Fil-Medjuevu f'Malta u Għawdex kien hemm tliet postijiet fortikati. Liema kienu dawn it-tliet postijiet li jidhru anki fil-mappa?
______________________________
______________________________
______________________________ (3)

5.2. Kif kienu ffortifikati dawn il-bliet?
______________________________
______________________________
______________________________ (2)

5.3. Liema kienet il-belt ewlenija ta' Malta fil-Medjuevu?
______________________________ (1)

5.4. Semmi żewġ vantaġġi strateġiċi (pożizzjoni) ta' din il-belt.
______________________________
______________________________
______________________________ (4)

5.5. Min kien il-gvernatur ta' Malta maħtur mill-Imperatur Federiku II fl-1239?
______________________________ (1)



*L-istatwa ta' Sant'Agata fuq is-swar ta' l-Imdina*

5.6. Liema ġrajja li seħħet fl-1551 hija marbuta ma' din l-istampa?

_______________________________ (1)

5.7. Għid dak li taf dwar dik il-ġrajja.

_______________________________

_______________________________

_______________________________

_______________________________

_______________________________

_______________________________ (3)

(Total 15-il marka)

**6. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

"Il-jum tal-biża' mistenni mill-Maltin u mill-Ordni ta' San Ġwann wasal. Fit-18 ta' Mejju dehret flotta ta' ftit inqas minn mitejn biċċa tal-baħar riesqa lejn Marsaxlokk. Ir-riħ ma ħallihomx jidħlu fil-port u tefagħhom lejn ix-xaqliba tal-Ġnejna ta' l-Imġarr. Hawn irnexxielhom jinżlu u jieħdu l-ilma. Meta l-għada filgħodu bbnazza, reġgħu lura f'Marsaxlokk fejn tefgħu l-ankri u niżżlu tlett elef suldat. Dawn imxew lejn iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar mingħajr ma ltaqgħu ma' tfixkil kbir."

*(sors Ġrajjet Malta, it-tieni ktieb)*

6.1. Kieku kont Malti jew Kavallier qiegħed tgħix din il-ġrajja kont tibża'? Għaliex?

_______________________________

_______________________________ (2)

6.2. Min kienu l-mexxejja tat-Torok tal-qawwiet ta' l-art u tal-baħar?

_______________________________ (2)

6.3. Is-sors li minnu ksibt l-informazzjoni huwa wieħed sekondarju. Spjega għaliex?

_______________________________

_______________________________ (3)

6.4. Liema fortizza waqgħet f'idejn it-Torok lejlet San Ġwann?

_______________________________ (1)

6.5. Għalfejn it-Torok riedu jitilqu minn Malta qabel ma tidħol ix-xitwa?

_______________________________

_______________________________ (2)

6.6. Fuq munita ta' dak iż-żminijiet hemm il-kelmiet "Melita Renascens" jiġifieri "Malta terġa' titwieled". Għalfejn taħseb li hemm miktub dawn il-kelmiet?

_______________________________

_______________________________ (2)

6.7. Qabel ma ġew Malta, il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu fil-gżira ta' Rodi minn fejn tkeċċew mit-Torok. Semmi xi raġunijiet għala ma tantx ħadu gost li ġew f'Malta fl-1530.

_______________________________

_______________________________

_______________________________

_______________________________ (4)

6.8. Poġġi dawn il-Gran Mastri wara xulxin. Ibda min-numru 1 għal dak li ħakem lil Malta l-ewwel.

Juan d'Homedes ______

Phillipe Villiers de L'Isle Adam ______

Jean de la Valette ______

Claude de la Sengle ______ (4 marks))

(total 20 marka)

**7. Ikteb fit-tul fuq wieħed minn dawn**

7.1. Ir-Rinaxximent kien perjodu ta' skoperti kbar. Ikteb fuq xi vjaġġ ta' sejba li sar f'dak iż-żmien.

7.2. Il-ġrajja tas-sidien fewdatarji Antonio Cardona u Gonsalvo Monroi turi l-ħeġġa li kellhom il-Maltin biex ikunu maħkuma mis-sultan. Taqbel? Iddeskrivi din il-ġrajja u spjega għalfejn seħħet.

7.3. Il-Lhud kienu komunita` importanti mhux biss fl-Ewropa imma anki fil-gżejjer Maltin fiż-Żminijiet tan-Nofs. Ikkummenta.

7.4. Ikteb dwar is-snajja' u x-xogħlijiet tal-Maltin matul il-Medjuevu.

(20marka)